**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 92/2015**

**Victoria Grima, karta ta' l-identita numru 551464 (M), Yvonne Naudi karta ta' l-identita numru 665237 (M) u Annamaria Yero numru tal-passaport Malti 820857**

**Vs**

**Charles Sammut, karta ta' l-identita numru 491167(M)**

**Illum, 09 ta' Marzu 2018**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

1. Illi r-rikorrenti huma proprjetarji tal-fond numru sebgha u tletin (37) gia bin-numru tmienja u sittin (68) fi Triq is-Suq, Floriana;

2. Illi l-imsemmi fond jinsab mikri lill-intimat Charles Sammut bhala residenza bil-kera ta' mija sebgha u disghin punt tlieta tnejn Ewro (€197.32) fis-sena pagabbli kull sena bil-quddiem kull sebgha (7) ta'April;

3. Illi permezz ta' ittra ufficjali li ggib id-data tas-27 ta' Marzu, 2015 r-rikorrenti infurmaw lill-intimat li mhux bi hsiebhom jaccettaw il-hlas ta' kera fl-ammont ta' mija sebgha u disghin punt tlieta tnejn Ewro (€197.32) surreferit rapprezentanti skadenza ta' kera ghal perjodu sebgha (7) ta' April, elfejn u hmistax (2015) sas-sitta (6) ta' April elfejn u sittax (2016);

4. Illi l-intimat biddel id-destinazzjoni tal-fond mikri lilu stante li mhuwiex qed jaghmel uzu minnu bhala residenza u dan ai termini tal-artikolu 1555 u 1555 (A) (i) tal-Kodici Civili (Kap XVI tal-Ligijiet ta' Malta), skont kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

5. Illi inoltre l-intimat naqas milli jaghmel l-manutenzjoni mehtiega u halla dan il-fond jaqa' fi stat ta' abbandun u kkawza hsarat konsiderevoli, u dan kif ser jigi kkonfermat u spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawza mill-Perit imqabbad mir-rikorrenti;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu, previa kull dikjarazzjoni talvolta mehtiega u necessarja, jawtorizza lir-rikorrenti sabiex jirriprendu l-pussess vakanti tal-fond sebgha u tletin (37) gia bin-numru tmienja u sittin (68) fi Triq is-Suq, Floriana u jordna lill-

intimat sabiex jizgombra minn go l-istess fond fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn dan l-Onorabbli Bord.

Illi l-intimat minkejja li debitament notifikat kif jirrizulta a folio 10 et sequitur tal-process, ma prezenta l-ebda risposta.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' s-sottomissjonijiet orali tar-rikorrenti.

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ra u qies id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ikkunsidra:

Illi f'din il-kawza r-rikorrenti qeghdin jitolbu r-ripreza tal-fond minhabba (1) nuqqas ta' uzu u abbandun tal-fond u (2) li l-intimat kkaguna diversi hsarat.

L-intimat minkejja li debitament notifikat ma pprezenta l-ebda risposta u ma kkontesta t-talbiet tar-rikorrenti bl-ebda mod.

Illi mill-provi mressqa mir-rikorrenti t-talbiet tar-rikorrenti jirrizultaw pruvati u jimmeritaw li jkunu milqugha.

Ir-rapport tal-Perit ex parte a folio 17 et sequitur tal-process u r-ritratti annessi mieghu juru l-istat tal-fond, jikkonfermaw l-abbandun tal-istess fond u li l-intimat fil-fatt mhux jghix fih, kif ukoll id-diversi hsarat li l-intimat ikkawza fl-istess fond.

In oltre l-intimat ilu snin registrat fir-Registru Elettorali fil-fond Flt 6, Block B, Bellagio Apts, Triq San Guzepp, G'Mangia. Mhux biss izda anke il-kontijiet tas-servizzi tad-dawl u l-ilma wkoll ilhom jintbaghtu f'dak l-indirizz sa mill-anqas April 2010, kif jirrizulta mill-kontijiet esebiti mir-rapprezentant tal-ARMS a folio 47 et sequitur tal-process.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u ghall-fini ta' zgumbrament jiffissa terminu ta' zmien xahar mil-lum. Spejjez a karigu tal-intimat.

***(ft)Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur